**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta’ Gunju 2023**

Rikors Numru: 91/23 AL

A sive A B

vs

C D

(M.R. Numru 127/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil- 17 ta' Frar, 1994 skont ic-certifikat 127 tal-1994, dok A anness u dan kif jirrizulta wkoll mis-separazzjoni taghhom u minn dan iz- zwieg tfal hemm tnejn li huma llum maggorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati skont l-anness Dokument B li huwa separazzjoni bonarjabejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli tas-16 ta' Settembru, 2014.

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ihom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u u ilhom prattikament ghaxar snin separati minn xulxin.

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li li xejn m'ghadu dovut.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, u

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, bl-akkorcjament tat- terminu tal-appell.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 18 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet izzewgu nhar is-sbatax (17) ta' Frar, tas-sena elf disgha mija erba u disghin (1994) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt t'itfal ill illum huma maggorenni;

2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet sseparaw legalment b'kuntratt redatt minn Nutar Francesca Porter nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014);

3. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

4. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-ebda manteniment ma hu dovut;

5. Illi ghalhekk l-esponenti tirrileva illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti jissudisfaw il- kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal- Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet iżżewġu nhar is-sbatax (17) ta’ Frar, tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewgt itfal illi llum huma maggorrenni;
2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet sseparaw legalment b’kuntratt redatt min-Nutar Francesca Portelli nhar is-sittax (16) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014);
3. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;
4. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-ebda manteniment ma hu dovut;
5. Illi għalhekk l-esponenti tirrileva illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikoli 66B tal-Kodici Ċivili, Kap16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Frar 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-16 ta' Settembru 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.